MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2007

Talba Numru. 879/2006

**Giovanna Mifsud ID 501540(M)**

**Vs**

**Henry D'Emanuele**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-3 ta' Ottubru 2006, fejn l-attrici ddikjarat illi kienet kriet il-fond 35, Misrah Gregorio Bonnici, Zejtun u fost il-kundizzjonijiet tal-kera kellu jhallas id-dawl u l-ilma ;Illi l-konvenut ghamel l-ahhar pagament f'Gunju 2005 u kien ghad baqalu arrettrati ta' dawl u ilma ammontanti ghal seba` mija Liri Maltin u wiehed u sebghin centezmu (Lm700.71).

Illi minkejja li gie interpellat li jhallas baqa inadempjenti u ghaldaqstant l-attrici titlob illi l-konvenut jigi kkundannat li jhallas l-ammont ta' seba` mija Liri Maltin u wiehed u

sebghin centezmu (Lm700.71) bl-ispejjes kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut tas-26 ta' Ottubru 2006, li permezz taghha eccepixxa illi l-azzjoni ntavolata mill-attrici hija perenta skond l-Artikolu 2156 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-eccepjenti dejjem aderixxa mal-kundizzjonijiet tal-kera.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Ra illi l-kawza thalliet ghall-provi kollha u trattazzjoni dwar l-ewwel eccezzjoni ta' preskrizzjoni ghat-2 ta' Frar 2007 ;

Sema' x-xhiedha prodotti u ra d-dokumenti kollha esebiti ;

Ra illi fis-seduta ta' 2 ta' Frar 2007 d-difensuri tal-partijiet iddikjaraw illi dwar l-istess eccezzjoni ma' kellhomx aktar provi xi jressqu u wara li trattaw, l-kawza thalliet ghall-lum ghad-decizjoni dwar l-istess eccezzjoni.

Ikkunsidra :

Illi l-uniku xhud f'dawn il-proceduri sal-lum kien l-istess konvenut Henry Demanuele (2/02/07) li qal illi qatt ma rcieva ebda talba ghall-hlas in konnessjoni mal-fond mertu tal-kawza. Ix-xhud jgharaf u jiftakar illi kien ghamel id-dikjarazzjoni esebita bhala Dok GM2.

Jghid wkoll illi kkonsenja lura c-cavetta tal-fond madwar sena u nofs qabel u l-post dam maghluq mis-sena 1996/97 u s-servizzi ta' dawl u ilma ma kienx qataghhom.

Illi l-konvenut jinvoka l-preskrizzjoni kwinkwernali a bazi ta' l-Artikolu 2156, izda mhux specifikat s-sub Artikolu ta' l-istess Artikolu.

Illi b'dana kollu jirrizulta mix-xhieda stess tal-konvenut illi l-pussess tal-fond lilu mikri baqa` ghandu sa` sena u nofs qabel ma ddepona quddiem it-Tribunal.

Illi klawsola (9) tal-ftehim tat-23 ta’ Gunju 1991 (Dok GM1), accettata wkoll mill-konvenut bid-dikjarazzjoni minnhu iffirmata fis-16 ta’ Mejju 1994 (Dok GM2), tghid car illi “Il-kera u konsum tas-servizzi tad-dawl, ilma u servizzi ohra jkunu a karigu tal-kerrej”.

Dan maghdud, u meta l-pussess tal-fond de quo kien f’idejn il-konvenut sa sena u nofs ilu, ma hemmx dubju illi l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni kif sollevata ma tregix.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet suesposti, it-Tribunal b’ekwita` jaqta` u jiddeciedi billi jichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut, dik ta’ preskrizzjoni, u jiddifferixxi l-kawza ghall-provi ta’ l-attrici fuq il-mertu ghat-18 ta’ Mejju 2007.
.

Bl-ispejjes ta’ din l-istanza kontra l-konvenut.

**< Sentenza In Parte >**

-------------------------------TMIEM------------------------------